Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 36/2016

**Clayton Calleja**

**Vs**

**Mary Ann Cachia**

28 ta' Lulju, 2017.

1. L-attur harrek lill-konvenuta ghad-danni fir-rigward ta' incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' Mejju, 2009 gewwa Triq is-Sidra, Swieqi bejn vettura CLT 011 (tal-attur) u EBN 106 (tal-konvenuta).

2. B'decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-24 ta' Novembru, 2016 gie deciz li l-konvenuta ma kelliex htija ghall-incident.

3. L-attur appella mid-decizjoni. L-ilment tieghu hu li l-Arbitru kellu jsib htija fil-konvenuta.

4. Il-konvenuta wiegbet fejn baqghet issostni li l-incident sehh tort tal-attur minhabba sewqan b'velocita' eccessiva.

5. L-incident sehh fi Triq is-Sidra, Swieqi.

6. Fir-*road accident report* il-verzjoni li tat il-konvenuta hi: *"I was already out of my drive, when all of a sudden the other car came with very high speed and hit the rear left side"*. L-attur qal: *"I didn't see the other car coming out"*.

   Meta xehedet il-konvenuta qalet li harget bil-vettura taghha minn moghdija u *"Ilhaqt iddrittajt il-vettura tieghi, u kont qieghda naqfel is-seatbelt mieghi. F'hin u l-waqt smajt hoss qawwi ta' vettura qed ittir minn fuq l-isleeping policeman illi kien hemm madwar tul ta' xi sitt vetturi lura minni"*. Fil-kontro-ezami qalet: *"Jiena f'dan il-kument kont dritta xemgha fi triqti"*.

7. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:
   *"Peress illi l-hsarat fuq il-vettura tar-rikorrenti jinsabu fuq il-bumper ta' quddiem (u izjed fuq in-naha tal-lemin), l-Arbitru ma hux konvint li l-intimata kienet iddrittat, fi kliemha, xmegha fil-mument tal-impatt.*

   *Bil-mod kif jidhru l-hsarat,* ***l-Arbitru sottoskritt huwa tal-fehma konsiderata illi kif xehed ir-rikorrent, fil-mument tal-impatt, il-vettura intimata kienet angolata****, mentri kif xehdet l-intimata, ir-rikorrenti ttenta manuvra evaziva lejn*

*ix-xellug u l-impatt sehh proprju malli l-vettura intimata ddrittat. Il-fatt li l-vettura tar-rikorrenti tidher kemxejn mdawwra lejn il-lemin huwa spjegabbli f'kuntest ta' manuvra ahharija, kif tixhed l-intimata, anke sabiex tigi evitata kollizjoni mal-vetturi pparkjati".*

Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li fil-hin tal-incident il-vettura tal-konvenut ma kinitx dritta xemgha u anzi kienet ghadha angolata. Kieku il-verzjoni tal-konvenuta ghandha mis-sewwa, hu ovvju li l-hsara fil-vettura:

- taghha kienet tkun fil-parti ta' wara kollu tal-vettura u mhux lokalizzata proprju fil-gemb fejn hemm ir-rota ta' wara fuq in-naha tal-passigier (ara ritratt numru 4 minn tmienja li ha l-warden fil-post tal-incident u ritratti MC8 u MC0). L-impatt mal-vettura tal-konvenuta ma kienx mal-faccata ta' wara tal-vettura, igifieri fejn hemm il-but. Ritratti li jgibu fix-xejn it-tezi tal-konvenuta li kienet ikkompletat il-manuvra u l-vettura taghha kienet dritta fit-triq.
- tal-attur ma kinitx tkun lokalizzata biss fuq in-naha' tax-xufier (ara ritratt numru 7 minn tmienja li ha l-warden fil-post tal-incident).

M'hemmx dubju li l-incident sehh meta l-vettura tal-konvenuta kienet diga' harget kollha mid-*drive* in u kienet qeghda f'Triq is-Sidra, **izda kienet ghadha f'posizzjoni angolata**. Kienet ghalhekk ghadha ta' ostakolu ghall-vetturi ghaddejjin minn dik it-triq principali. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u meta tqies il-posizzjoni taz-zewg vetturi fl-iskizz li ghamel il-warden li investiga l-kaz, hu evidenti li mad-daqqa l-vettura tal-konvenuta ma waqfitx.

Il-konvenuta qalet:
*"Hrigt minn din il-moghdija illi hija zig-zagged u wasalt sal-bankina. Harist lejn il-mera illi hemm faccata, u ttawwalt ukoll lejn ix-xellug peress illi din hija triq one-way. Lejn ix-xellug hemm kurva fit-triq, daqs tul ta' ghoxrin karozza 'l boghod".*

Mela m'hemmx dubju li l-appellata kellha vizwali fit-tul. Sahansitra faccata tad-*drive in* hemm ukoll *parabolic mirror* (ara ritratti). Meta l-qorti tikkunsidra d-distanza minima li vvjaggat il-vettura tal-konvenuta minn fejn suppost waqfet[1] sal-punt fejn jidher li sehh l-incident flimkien mal-vizwali fit-tul li kellha[2], ghall-qorti m'hijiex verosimili l-verzjoni li rrakkontat lill-konvenuta. In vista ta' dawn ic-cirkostanzi mhuwiex probabbli li hi u hierga fi Triq is-Sidra l-vettura tal-attur kienet ghadha ma tidhirx. Ghalhekk l-indikazzjoni hi li harget fit-triq minghajr ma waqfet.

8. Minkejja dan l-Arbitru qal:
*"Bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, il-provi oggettivi juru xort'ohra. Il-hsarat vizibbli, li jinkludu rota zlugata u tqaccit ta' bumper huwa indikattivi ta' velocita' ferma gholja minn hekk u jidher li tassew l-impatt kien kbir* ***biex tqaccat parti***

[1] Biex thares fuq ix-xellug taghha.
[2] Tul ta' ghoxrin (20) karozza.

***mill-bumper u giet zlugata rota**. Li kieku veru li r-rikorrent kien ghaddej bil-galbu, anke kieku jkun koncess illi l-intimata tassew ikkreat emergenza subitanja, il-hsarat ma kinux ikunu certament kbar hekk. **Mill-kwantifikazzjoni tad-danni, qed tigi dibattuta kollizjoni b'danni kwantifikati mat-€3,000**".*

9. Il-massimu ta' *speed* go villagg u belt hu ta' 50 kilometru fis-siegha (ara Legislazzjoni Sussidjarja 65.11). Il-konvenuta xehedet:
*"F'hin u l-waqt **smajt hoss qawwi** ta' vettura **qed ittir** minn fuq l-isleeping policeman illi kien madwar tul ta' xi sitt vetturi lura minni. Dan rajtu wkoll ghax ilhaqt **ittawwalt fil-mera ta' gol-vettura**".*

   Ladarba meta sehh l-incident il-vettura tal-konvenuta kienet ghadha angolata, ma jistax ikun li harset mill-mera gewwa l-vettura u rat il-karozza tal-attur. Dan apparti li l-qorti tqies id-deskrizzjoni li tat il-konvenuta bhala ezagerata.

10. Hu fatt li l-hsara li saret fiz-zewg vetturi ma kinitx zghira. Sahansitra bid-daqqa tghawwget ir-rota ta' wara tal-vettura tal-konvenuta. Li tghaffeg il-gemb tal-bumper hu mistenni meta tqies il-materjal tieghu. Li titghawweg ir-rota hi ndikazzjoni li l-impatt kien vjolenti. Li jkompli jhasseb hazin lill-qorti hu li l-konvenuta xehedet li xi sitt vetturi l-isfel minn fejn harget, fit-triq hemm *sleeping policeman ramp* f'nofs it-triq. Fatt li ma giex kontestat mill-attur. Dan ifisser li dak hu post fejn xufier ghandu sensibilment inaqqas il-velocita tieghu, certament inqas minn 50km fis-siegha. Hu proprju ghalhekk li titpogga *speed ramp* f'nofs ta' triq. Rampa li qeghda passi 'l boghod minn fejn sehh l-incident. Meta tikkunsidra kemm din ir-rampa hi qrib il-post fejn sehh l-incident u l-hsarat mhux zghar li garrbu z-zewg vetturi, il-qorti tqies li verament l-attur kien ghaddej bi speed iktar milli suppost ghal dik il-lokalita. Sewqan li kkontribwixxa biex sehh l-incident u f'kull kaz wassal biex zdiedu l-hsarat fiz-zewg vetturi.

11. Ghal dik li hi responsabbilta, il-qorti hi tal-fehma li l-konvenuta ghandha r-responsabbilta principali gialadarba minn dak li ntqal hawn fuq hu evidenti li harget fi Triq is-Sidra bla kont. Kienet il-vettura taghha li nvadiet il-*flow of traffic* f'hin meta kien hemm vettura ghaddejja mit-triq principali. Min-naha l-ohra hemm htija kontributorja tal-attur minhabba velocita eccessiva. Htija li l-qorti qeghda tiffissa f'rata ta' 30%.

12. Ghal dak li hu *quantum* tad-danni mhemmx kontestazzjoni (ara *email* datata 10 ta' Dicembru, 2013 li d-difensur tal-konvenuta baghtet lid-difensur tal-attur). Ghalhekk meqjus dak li nghad hawn fuq, il-konvenuta ghandha thallas lill-attur is-somma ta' elfejn u tmienja u tletin ewro u sittin centezmu (€2,038.60)[3].

---

[3] 70% ta' €2,912.29 li hu l-hlas li talab l-attur (ara l-avviz ta' arbitragg).

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell u thassar id-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg tal-24 ta' Novembru, 2016 u:**

1. **Tiddikjara li l-incident tat-traffiku sehh tort tal-konvenuta b'dan li hemm htija kontributorja tal-attur kif spjegat hawn fuq.**
2. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn u tmienja u tletin ewro u sittin centezmu (€2,038.60) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tal-arbitragg.**

**Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu in kwantu ghal 70% a karigu tal-konvenuta u 30% a karigu tal-attur.**

Anthony Ellul.